# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tas-7 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju 2015 fil-5:15 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużati** | |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**07/01** **Talba**

**07/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-5.15 p.m. billi ntqalet it-talba. L-Ambaxxatriċi Żagħżugħa Rebecca Chircop ġiet skużata.

**07/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 5**

**07/02/01** Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-Minuti.

**07/03** **Punti mtella' mill-Minuti 6**

**07/03/01** **Para 06/03/01:** Il-Kunsill innota li ħarġet is-sejħa għall-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

**07/03/02** **Para 06/03/02:** Il-Kunsill ġie nfurmat li ntalbet il-laqgħa ma' TM dwar Triq l-Oratorju u pendenzi ohra u din għandha ssir fil-5 ta' Awwissu 2015.

**07/03/03** **Para 06/03/03:** L-Agent S.E. informa li ghad irid jġib l-approvazzjoni tal-Green Procurement Department ghas-sejhiet ghall-offerti li hargu.

**07/03/04** **Para 06/03/07:** L-Agent S.E. informa li kien ser isegwi l-problema tal-permessi rigward *boundary walls* ta' siti ta' kostruzzjoni li huma bla permess. Għandhom jittieħdu passi biex dawn jiġu regolarizzati. Is-Sindku informa li ghad irid ikellem lill-Ispettur tal-Pulizija dwar infurzar fir-rahal.

**07/03/05** **Para 06/03/11:** Agent S.E. informa li ghad irid isegwi mal-Accountant il-Quarterly Financial Reports li huma pendenti**.**

**07/03/06** **Para 06/06/07:** Saru diversi *reminders* lid-Direttur Ġenerali tal-WD rigward xogħlijiet pendenti.

**07/03/07** **Para 06/07/01:** Il-Kunsill ġie nfurmat li nġabret il-kwotazzjoni biex titnaddaf Triq Għaxqet l-Għajn u din għandha tiġi kkomunikata mal-Management tal-Mc Donalds.

**07/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**07/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Ġie deċiż li temporanjament jitwaqqfu l-pagamenti numru 14 u 24 sakemm jiġu provduti l-invoices nieqsa u l-accounts pendenti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti. Kien hemm qbil unanimu wkoll li jiġu approvati l-lista tal-Petty Cash.

**07/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**07/05/01** Talba biex jitwaħħlu aktar bankijiet speċjalment fejn hemm il-veduti. Il-Kunsill ikkonkluda li diġà hemm ħafna bankijiet u dawn għandhom isirulhom il-manutenzjoni.

**07/05/02** Talba għal *speed camera* jew aktar *traffic humps* fi Triq Għaxqet l-Għajn. Il-Kunsill unanimament ma qabilx li jilqa din it-talba.

**07/05/03** Talba biex tiġi rranġata Triq Santa Katerina ħdejn Borg Furniture. Il-Kunsill innota li l-Works Order lid-Dipt tax-Xogholijiet ilha li harget aktar minn sentejn u baqa ma sar xejn. L-Agent S.E. intalab isegwi.

**07/05/04** Talba biex titwaħħal tabella fi Triq il-Ġdida biex ma jarmux żibel. Ġie deċiż li għandhom jiġu ordnati 50 tabelli/stickers għal dan l-iskop.

**07/05/05** Talba minn resident biex il-Kunsill jintervjeni fit-talba tagħha għal parkeġġ riservat. Dan ir-residenti ġie rrifjutat dan il-parkeġġ riservat mill-Bord tal-KNPD. Ġie deċiż li l-Kunsill mhux kompitu tieghu li jidħol f'din il-kwistjoni.

**07/05/06** Talba biex issir zebra crossing ohra fi Triq Carravaggio. Il-Kunsill unanimament ma qabilx li jilqa din it-talba.

**07/05/07** Talba biex issir Bus Stop iehor fi Triq Carravaggio. . Il-Kunsill unanimament ma qabilx li jilqa din it-talba.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**07/05/08** Is-Sur Giljan Aquilina ġab għall-attenzjoni li mhux qed isir knis tajjeb fi Triq Santa Katerina u talab lill-Agent S.E. sabiex isegwi. Hu nforma lill-Kunsill ukoll li hemm siġra tat-tin fejn il-pont li hemm bżonn titneħħa għax qed tagħmel ħsara u hemm persuna li lesta li taghmel dan minghajr hlas. Il-Kunsill qabel li jmexxi ma din il-persuna. Hu ressaq ukoll talba biex tehel għall-mera fi Triq San Brinkat. Il-Kunsill unanimament ma qabilx li jilqa din it-talba. Ġie deċiż li titwaħħal tabella Cul-de Sac fil-bidu ta' sqaq fi Triq Fidel Zarb jekk jirrizulta li t-tabella li kien hemm hi nieqsa.

**07/05/09** Talba biex isir tindif ta’ mogħdija fi Wied id-Dies. Ġiet innutata li dan mhux possibbli minħabba li hemm artijiet li huma privati. Talba biex issir MC bay fi Triq l-Oratorju mingħajr ma jitnaqqsu kaxxi tal-parkeġġ tal-karozzi. Il-Kunsill unanimament qabel li din issir jekk inhu possibbli. Il-Kunsill innota wkoll li hemm ħafna wires imdendlin fi Triq San Ġwann. Għandu jsir komunikazzjoni mal-Awtoritajiet sabiex dawn il-wires jitnehhew jew jitranġaw.

**07/05/10** Is-Sur Giljan Aquilina ressaq proposta biex fi Triq San Ġwann, bejn Triq San Bartilimew u Triq M Luigi Catania, jibdew jinhargu permessi biex jintramaw cranes minghajr il-bzonn li jkun hemm Gwardjan Lokali preżenti fuq il-posts. Kien hemm diskussjoni fuq dan is-suggett fejn mhux il-Kunsillieri kollha kienu konvinti li ghandu jsir hekk. Gie deċiż li din issir bi prova.

**07/05/11** Gie innutat li diversi Minuti tal-Kunsill kif ukoll rapporti Finanzjarji mhux qedin jittellghu fuq il-website tal-Kunsill. L-Agent S.E. intalab isegwi.

**06/06** *Korrispondenza*

**07/07/01** Ġiet innutata l-kwotazzjoni minghand B Grima and Sons għal tiswija ta’ Crash Barrier fi Triq Stiefnu Zerafa għal 75 Ewro l-metru. Ġie deċiż li jsiru żewġ metri.

**07/07/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**07/07/03** Ġiet innutata l-approvazzjoni għall-applikazzjoni tal-Kunsill għal Memo 10/2015 Skema għall-Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbiltà ta' Librerija Lokali. Ġie innutat li l-ammont approvat huwa ħażin u għandha tinġibed l-attenzjoni tad-Dipartiment.

**07/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**07/07/01** Ġie innutat ukoll is-suċċess tal-attivitajiet ta' Jum Ħal Għargħur u tal Breakfast li sar ghall-anzjani.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**07/07/02** Is-Sur Giljan Aquilina rrefera għall-attivita' tal-Majjalata li saret fl-10 Lulju 2015. Ġie innutat is-suċċess kbir ta' din l-attività. Kienet ta' suċċess ukoll l-attività tal-Water Games li hadu sehem fiha 120 tifel u tifla. Is-Sindku ta rendikont finanzjarju għal dawn l-attivitajiet. Is-Sindku xtaq jirringrazzja lill-helpers li ħadu sehem kif ukoll kien hemm qbil li jinxtara bowser ilma għal ground peress li ntuza' ħafna ilma minn tal-Gharghur Football Club.

**07/07/03** Il-Kunsill gie infurmat li l-ground tax-Xwieki kien inghatu lura lill-Gvern minn B'Kar St Joseph Sports Club. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir laqgha mal-Ministru responsabbli halli tintalab id-devoluzzjoni ta' dan il-ground. Sadanittant gie deċiż li l-Kunsill ma jaghmel ebda xoghol fil-ground.

**07/07/04** L-Agent S.E. informa li qed isegwi l-hlas pendenti mill-Paying Agency lill-kuntratturi kif ukoll it-talba biex ikunu jistghu jinksew aktar sqaqien rurali bil-konkos mal-MAG.

**07/08** **Aġġornament**

**07/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.00 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 4 ta' Awwissu 2015 fis-6.00 p.m.

**Giljan Aquilina** **Kurt Guillaumier**
**Sindku** **Aġent Segretarju Eżekuttiv**